**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 10/2015JB

Numru: 12

**Tarsons Limited (C16271)**

***vs***

**Louis u Maryanne konjugi Farrugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-5 ta' Mejju 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf, disa' mija u tlieta u sebghin euro (€1,973) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz (inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud) ta' *kitchen top* tal-irham u xoghol iehor tal-irham li sar mis-Socjeta Attrici fuq struzzjonijiet tal-Konvenuti fi proprjeta fi Triq Dun Pawl Micallef f'Victoria. Talbu wkoll l-imghaxijiet kummercjali kif ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 102/2014.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-5 ta' Gunju 2015 (a fol 6);

Ra li l-Konvenuti, debitament notifikati bl-atti (a fol 3ter), laqghu ghal din l-azzjoni billi nhar is-26 ta' Mejju 2015 ipprezentaw risposta fejn fiha eccepew dan li gej:

1. Illi l-Konvenuti hallsu l-bilanc ta' elfejn euro (€2,000) u mhux ta' elf euro (€1,000) biss;

2. Illi r-rimanenti bilanc ta' disa' mija u tlieta u sebghin euro (€973) mhumiex dovuti lis-Socjeta Attrici peress li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma giex supplit fl-interezza tieghu u kwindi qed tigi eccepita l-*exceptio inademplendi contractus*;

3. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 (a fol 19) fejn il-gudikatur sedenti, Dr Kevin Mompalao astjena milli jisma' l-kawza;

Ra n-nota tas-Socjeta Attrici pprezentata fil-15 ta' Dicembru 2015 (a fol 25) fejn din irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' elf, erba' mija u tlieta u sebghin euro (€1,473);

Ra n-nota tas-Socjeta Attrici pprezentata fil-15 ta' Jannar 2016 (a fol 29) fejn din irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' disa' mija u tlieta u sebghin euro (€973);

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlas ta' bilanc ta' prezz ghal xoghol ta' irham. Il-Konvenuti laqghu ghal din l-azzjoni billi eccepew li saru pagamenti li ma ttiehedx qies taghhom, li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Fil-mori tal-kawza, l-ammont reklamat gie ridott b'elf euro (€1,000) biex b'hekk l-ammont reklamat f'din il-kawza issa hu ta' €973.

Ikkunsidra;

Illi in rapprezentanza tas-Socjeta Attrici, xehed Tarcisio Cremona bil-procedura tal-affidavit (a fol 31), li hu direttur taghha. Jghid li kien mar ikejjel xi xoghol ta' irham fuq struzzjonijiet tal-Konvenuti u dawn kienu hallsu sitt mitt euro (€600) akkont. Jghid li minkejja li l-Konvenuti kienu talbuh jaghmel ix-xoghol minn folja wahda, kien avzahom li ma kienx possibbli u jghid li wissihom li l-irham ikangi. Jghid li meta mar sabiex iqieghed ix-xoghol irrizulta li l-bank tal-kcina fejn kellu jehel kien skuntrat. Jghid li x-xoghol intghogob. Jghid li wara li saru pagamenti, kien fadal bilanc ta' €973. Jghid li sussegwentement il-Konvenut kien ghaddielu *cheque* ta' hames mitt euro (€500) izda mbaghad talabulu lura peress li ma kienx jissarraf. Jghid li l-Konvenuti qatt ma qalulu li ma kienux se jhallsu.

Meta xehed in kontro-ezami (a fol 52), Cremona ipprezenta wkoll il-kuntratt li kien sar bejn il-kontendenti (a fol 50) fejn jinghad kif kellu jkun maqsum ix-xoghol. Ix-xhud insista ghal darba, darbtejn li s-somma indikata fil-ftehim appena riferit ma tinkludix taxxa fuq il-valur mizjud (a fol 54). Jghid li x-xoghol kellu jigi ftit 'il barra u meta marru jqieghdu kellhom iharrku l-bank tal-kcina. Mistoqsi jekk kienx il-ftehim li x-xoghol kellu jigi 'l barra sabiex that il-bank jidhlu l-banketti, ix-xhud wiegeb li "*dik cucata tat-tfal*". Jghid li ma kienx hemm marki mal-art u li x-xoghol sar kif ordnat u li l-istess Konvenuti kienu jmorru jispezzjonaw. Ix-xhud insista li l-lastra tal-irham ghazilha l-Konvenut u li hu gibidlu l-attenzjoni li l-kulur taghha kien ivarja.

Josef Cremona, li jigi iben Tarcisio Cremona, xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 34) u generalment ikkonferma dak li stqarr missieru;

Il-Konvenut xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 37). Hu jghid li l-mastrudaxxa li kien hadem il-kcina kien ghamel marka sabiex l-Attur ikun jista' jimxi maghha meta jkejjel. Jghid li hu kien ftiehem ma' Cremona li x-xoghol isir minn folja wahda. Jghid li x-xoghol kien wasal tard u wasal kollu hazin. Jghid li wara hafna battibekki qablu li x-xoghol jitqieghed "imbaghad izidu wara". Jghid li kien hemm avarija fil-kulur tal-irham. Jghid li Cremona beda jgholli lehnu. Jghid li kien ghamel pagamenti akkont ta' elfejn euro (€2,000) – wiehed ta' €600, iehor ta' €400 u zewg pagamenti ta' €500 'l wiehed. Jghid li kien qallu li ma kienx behsiebu jhallas il-bilanc. Jghid li meta Cremona offra li jnehhi x-xoghol hazin, m'accettax ghax ma riedx jibqa' minghajr *kitchen top.* Jghid li kellu jaghmel spejjez biex jirrimedja izda ma riedx jaghmel kontro-talba ghax l-inkwiet ma jhobbux.

Andrew Refalo xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 44). Hu jghid li kien imqabbad bhala mastrudaxxa u kien ghamel marka sa fejn kellha tigi l-irhama biex tahtha jidhlu s-siggijiet. Jghid li Cremona ma mexiex maghha.

Is-Socjeta Attrici mghamlitx kontro-ezamijiet tax-xhieda tal-Konvenuti;

Ikkunsidra;

Illi minn dak li rrizulta mill-provi, u min-noti ta' riduzzjonijiet prezentati mis-Socjeta Attrici, jidher li s-Socjeta Attrici accettat dak li qieghed jinghad fir-rigward ta' pagamenti mill-Konvenuti.

Isegwi ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata u mhemmx il-htiega ta' ezamijiet ulterjuri in materja;

Ikkunisdra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni, imiss li jigu trattati l-bqija tal-eccezzjonijiet u cjoe dik li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u li t-talbiet huma infondati.

Ikkunsidra;

Illi huwa car li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet dik ta' appalt. Il-ligi taghna hija kemmxejn karenti dwar dan l-istitut tant li l-appalt huwa trattat bhala sezzjoni minn sub-titolu dwar il-ligi tal-kera fil-Kodici Civili (Kap. 16). Minkejja dan, il-gurisprudenza taghna hija fonti ghal hafna taghlim u dan it-Tribunal iqis li sabiex ikun jista' jiddeciedi l-odjerna vertenza, tenut kont tal-azzjoni u d-difizi sollevati, ghandu jaghti harsa lejn il-gurisprudenza in materja. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet "Pierre Darmanin *vs* Moira Agius *et*" elenkat sitt kunsiderazzjonijiet ta' dritt in materja ta' appalt, u dan b'riferiment specifiku ghal gurisprudenza nostrana:

I. Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Koll. XXVII.i.373). Dan fis-sens li hu "*ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu*" (Koll. XL.i.485);

II. "*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina*" (Koll. XXXVII.iii.883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "*f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem*" (Mario Blackman *vs* Carmelo Farrugia *et noe*", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);

III. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Koll. XLI.i.667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-*ispecifications* jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "*E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte*" (Koll. XXV.i.727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "*l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent*" (Koll. XLII.ii.1003);

IV. Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Koll. XLI.ii.892);

V. Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti… l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "*Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt*" (Koll. XXXVIII.i.292);

VI. Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).

Illi fil-kaz odjern hawn diversi aspetti li tqanqlu u li jehtieg li jigu mgharbla. Madankollu, jrid qabel xejn jinghad minghajr tlaqlieq li t-Tribunal huwa rinfaccjat b'verzjonijiet kuntrastanti mmens.

Huwa car daqs il-kristall li xi hadd mill-partijiet mhux qed jghid is-sewwa kif inhu car ukoll li s-Socjeta Attrici bl-ebda mod ma kkontestat ix-xhieda prodotti mill-Konvenuti u minkejja li Tarcisio Cremona kien konsistenti meta xehed in kontro-ezami, it-Tribunal ma jistax jiskarta dak li stqarrew il-Konvenut u l-mastrudaxxa tieghu.

Ghalkemm, l-accettazzjoni tax-xoghol u l-hlas akkont ma jammontax ghall-approvazzjoni tal-opra tal-appaltatur, hu car li fil-kaz odjern il-Konvenuti ippermettew li jitwahhal u jekk kien hemm xi reklam, kellu jsir qabel ma x-xoghol jitwahhal aktar u aktar jekk kien hemm marki u kwindi setghu jindunaw li kien hemm xi haga li ma tregix. L-argument li wiehed ma jaghmilx kontro-talba ghaliex ma jridx inkwiet – minkejja li l-inkwiet ikun gja hemm peress li d-diverbju jkun immatura f'kawza – ma jregix.

Ikkunsidra;

It-Tribunal iqis li min-natura tieghu l-irham bhala element naturali ivarjau fuq kollox, jista' jkun li sa certu punt, il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija wahda ta' estetika. Dik li tirrigwarda l-wisa' tal-bank jista' jkun li hi nuqqas tal-appaltatur izda kif gja rilevat, dan thalla jwahhal l-irham biex imbaghad il-Konvenuti ghamlu bhal estensjoni bl-injam.

It-Tribunal iqis li fil-vertenza odjerna japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380), liema ligi trid li t-tilwimiet hawn riferuti ghandhom jigi decizi principalment skond l-ekwita. Issa ghad li huwa minnu li l-ekwita ssegwi l-ligi u tissostanzja fejn hu mehtieg, mhuwiex floku li din il-kwistjoni tkompli titwal inutilment;

Ghalhekk, sejjer jilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni u jordna temperament tas-somma reklamata. Fic-cirkostanzi, anke tenut kont li dak li nefqu l-Konvenuti sabiex igibu x-xoghol kif xtaqu huma (almenu fejn imiss mal-ispazju biex jidhlu l-banketti), iqis li temperament ta' mija u tlieta u sebghin euro (€173) jkun ekwu u gust. Ghalhekk, se jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mitt euro (€800).

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda mal-imghax, it-Tribunal iqis li gjaladarba hawn lok ghal temperament, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi madankollu hemm kwistjoni ohra li t-Tribunal iqis li jkun qieghed jonqos jekk ma jindirizzax u din hija l-possibilita ta' evazjoni ta' taxxa fuq il-valur mizjud li l-awtorita pubblika ma tistax taghlaq ghajnejha ghaliha.

It-Tribunal jinnota li l-prezz indikat fuq il-ftehim a fol 50 huwa kkwotat minghajr VAT u minghajr ebda riserva ghal dan. Imbaghad fil-bqija tad-dokumenti jizdied il-VAT u anke n-numru tal-VAT 12636925 (ara fol 2 u 51). S'hawnhekk wiehed jista' jkollu dubju. Izda dan id-dubju jitlaq meta wiehed iqis dak li xehed id-direttur tas-Socjeta Attrici meta in kontro-ezami insista li l-istima nghatat minghajr VAT (a fol 54).

Bir-rispett kollu, imiss lin-negozjant li jara li jigbor il-VAT. It-Tribunal iqis li billi jidher li l-istima inharget minghajr VAT u li dan zdied fi stadju sussegwenti, ghandu jgib dawn il-fatti a konjizzjoni tal-awtorita kompetenti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni in vista tan-noti ta' riduzzjoni prezentati mis-Socjeta Attrici, jilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet limitatament in kwantu konsistenti ma' dak li se jinghad u jichadhom ghall-bqija, jilqa' t-Talba attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mitt euro (€800) u jikkundanna lill-Konvenuti jhallsu lill-Attur is-somma ta' €800, bl-imghax mil-lum. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz u partikolarment tar-riduzzjonijiet fil-mori liema riduzzjonijiet jidher li saru minhabba pagamenti li pprecedew il-kawza, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

In vista ta' dak li nghad dwar l-adezjoni mal-ligijiet fiskali, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' kopja tal-atti li ghalihom issir riferenza ghandha tintbaghat mir-Registratur lill-Kummissarju tat-Taxxi u lid-Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex jiehdu l-passi li jidhrilhom xierqa fic-cirkostanzi.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*